ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Ottubru, 2024

Talba Nru: CCT130/24/DS

Luke Vella

Vs

Franco Camilleri – SWD Acomodel Malta

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba tar-rikorrenti pprezentat fl-14 ta' Ġunju, 2024 fejn talab illi s-soċjeta' intimata rifużjoni ta' depożitu illi huwa għamel fuq sufan u sodda kif ukoll spejjeż relatati ma din il-kawża fl-ammont kumplessiv ta' tminn mija u erbgħa u għoxrin Ewro (€824) għaliex ma rieditx illi ssir il-kunsinna tal-istess oġġetti wara illi kien hemm diżgwid dwar l-istess kunsinna u s-Sur Camilleri allegatament offenda lill-attur u ma talbux skuża;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fil-11 ta' Lulju, 2024 fejn sostniet illi s-soċjeta' intimata kienet lesta tikkunsinna l-prodotti mixtrija pero' kien l-attur illi kien qiegħed jagħmilha diffiċli li jsir dan għaliex anki wara li kien hemm ftehim fuq data huwa ma riedx illi ssir il-kunsinna jekk ma jkunx hemm apoloġija dwar id-diskors illi allegatament intqal minnu;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attur kkonferma il-punti essenzjali tat-talba tiegħu, bl-informazzjoni illi niżżel fiha, taħt ġurament kif ukoll żied xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tiegħu.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in sueċint huma s-segwenti. L-attur ordna sufan u sodda mingħand is-soċjeta' intimata liema oġġetti meta ġew biex jiġu kkunsinjati u s-soċjeta' intimata bagħtet id-delivery person bihom, il-kunsinna ma setgħetx issir għaliex kien hemm wisq bogħod minn fejn setgħa jipparkja t-trakk tad-delivery u l-propjeta' li fiha kellhom jiġu kkunsinjati l-oġġetti. Barra minn hekk kien hemm ukoll taraġ fit-triq illi s-soċjeta' intimata ssostni illi ma kienetx taf bih u li prattikament dan kien jinvolvi problemi ta' ġarr w'għaldaqstant kellu bżonn jinġieb karru u kellu jkun hemm tqandil mid-delivery person minħabba t-taraġ li kien ifisser illi l-kunsinja kellha ssir ġurnata oħra. Ir-rapprezentant tas-soċjeta' intimata insista illi dan kellu jkun mgħarraf lilhom mill-attur qabel il-kunsinja peress illi l-ġarr kien miftiehem sal-ground floor u effettivament l-affarijiet kellhom jittellgħu taraġ fit-triq u apparentement taraġ iehor ġewwa l-propjeta'.

L-attur kiteb lill-kumpanija barranija li hija d-ditta tal-prodotti ordnati minnu sabiex jagħmel l-ilment tiegħu u meta r-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi ra illi l-attur kien aġixxa b'dan il-mod ħadha b'offiża u allegatament offendieh meta ċempillu biex jiftiehem miegħu dwar data għall-konsenja tal-oġġetti mill-ġdid;

L-attur sostna illi huwa waqt din it-telefonata talbu lura d-depożitu ta' tminn mitt Ewro (€800) għaliex ma xtaqx jagħmel negożju ma min kien trattah b'dak il-mod. L-attur in fatti qiegħed jitlob illi jingħata lura d-depożitu u li l-kuntratt jiġi xolt.

Ikkunsidra ulterjorment

Illi il-bażi illi fuqha qiegħed jibbaża l-argument tiegħu l-attur hija illi huwa ma jixtieqx jagħmel negożju ma min kellmu ħażin jew trattaħ b'mod illi skont huwa m'huwiex xieraq. Għaldaqstant huwa ma jixtieqx illi jiġu kkunsijati l-oġġetti mixtrija mhux minħabba xi difett fl-oġġett jew għaliex il-prodotti mixtrija ma kienux lesti għall-kunsinja tagħhom fil-ħin stipulat iżda għaliex qiegħed jippretendi apoloġija li ma waslitx. Din ir-raġuni m'għandhiex bażi fil-liġi u għaldaqstant m'hijiex waħda meqjusa valida sabiex tkun il-bażi ta' rexizzjoni ta' kuntratt u rifużjoni tad-depożitu kif mitlub mill-attur;

Issa jekk l-attur ħassu offiż, hemm proċeduri kriminali illi għandhom jiddeċiedu dwar min għandu raġun o meno fil-konfront ta' dik l-allegata offiża iżda ċertament dan ma jaqgħax taħt il-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal.

Dak illi jiddeċiedi dan it-Tribunal huwa jekk l-attur għandux bażi legali biex tiġi akkolta t-talba tiegħu li jiġi riżarċit id-depożitu u rexiss il-kuntratt mas- soċjeta' attriċi u f'dan il-każ it-Tribunal ma jarax illi kien hemm prova legittima illi ttiħ raġun.

Dan it-Tribunal mhux ser jidħol fil-mertu ta' għandux jew le jitħallas ammont addiżjonali għall-ġarr minħabba d-diffikultajiet għaliex huwa limitat bit-talba tal-attur u m'hemm l-ebda kontro talba rigwardanti ħlasijiet pretiżi mis-soċjeta' attriċi u bla addiżjonalment, is-soċjeta' attriċi qalet, f'dawn il-proċeduri stess, illi kienet lesta illi ma żżomx flus addizjonali għall-ħlas minħabba diffikultajiet biex l-affarijiet mixtrija jinġarru, kif originarjament kienet talbet lill-attur;

Id-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal hija limitata dwar il-ħlas ta' tminn mija u erbgħa u għoxrin Ewro (€824) rifużjoni ta' depożitu u ħlas ta' spejjeż;

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provax il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attur.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru